

**MT**

**MT**

**MT**



## IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 30.9.2010  
KUMM(2010) 520 finali

2010/0274 (COD)

Proposta għal

### **REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 460/2004 li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Informazzjoni f'dak li jirrigwarda l-perjodu effettiv**

## **MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI**

### **1. SFOND**

L-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Informazzjoni (minn hawn ‘il quddiem imsejħa ENISA) twaqqfet f’Marzu 2004 għal perjodu inizjali ta’ ħames snin bir-Regolament (KE) Nru 460/2004,<sup>1</sup> bl-iskop ewljeni “*li jiġi żgurat livell għoli u effettiv tan-netwerks u s-sigurtà tas-sistemi tal-informazzjoni ġewwa l-[Unjoni], [ ... ] sabiex tkun żviluppata kultura ta’ sigurtà tan-netwerks u s-sistemi tal-informazzjoni għall-benefiċċju taċ-ċittadini, tal-konsumaturi, tal-impriżi u tal-organizzazzjonijiet tas-setturi pubbliku tal-Unjoni Ewropea, u permezz ta’ hekk għall-funzjonament bla’ xkiel tas-suq intern*”. Ir-Regolament (KE) Nru 1007/2008<sup>2</sup> estenda l-mandat tal-ENISA sa Marzu 2012.

L-estensjoni tal-mandat tal-ENISA fl-2008 tat-bidu wkoll għal dibattitu dwar id-direzzjoni ġenerali tal-isforzi Ewropej lejn is-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni (NIS), fejn il-Kummissjoni kkontribwiet bit-tnedja ta’ konsultazzjoni pubblika dwar l-objettivi potenzjali għal politika msaħħa tal-NIS fil-livell tal-Unjoni. Il-konsultazzjoni pubblika saret bejn Novembru 2008 sa Jannar 2009 u ġabret kważi 600 kontribuzzjoni.<sup>3</sup>

Fit-30 ta’ Marzu 2009, il-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni dwar il-Ħarsien ta’ Infrastruttura Kiritika ta’ Informazzjoni<sup>4</sup> (CIIP) li tiffoka fuq il-protezzjoni tal-Ewropa minn attakki u tfixkil ċibernetiċi bit-titjib tat-tħejjija, is-sigurtà u r-reżiljenza, bi Pjan ta’ Azzjoni li jagħmel sejħa biex l-ENISA jkollha rwol, prinċipalment ta’ appoġġ għall-Istati Membri. Il-Pjan ta’ Azzjoni ġie approvat b’mod wiesa’ fid-diskussjoni waqt il-Konferenza Ministerjali dwar il-Ħarsien tal-Infrastruttura Kritika ta’ Informazzjoni (CIIP) li saret f’Tallinn, l-Estonja, fis-27 u t-28 ta’ April 2009.<sup>5</sup> Il-Konklużjonijiet tal-Konferenza tal-Presidenza tal-Unjoni Ewropea jenfasizzaw l-importanza li “*jiġi ingranat l-appoġġ operazzjonali*” tal-ENISA; huma jiddikjaraw li l-ENISA “*tiprovd strument utli biex tagħti spinta lill-isforzi koperattivi madwar l-Unjoni f’dan il-qasam*” u jiġbdu l-attenzjoni għall-ħtieġa li l-mandat tal-Aġenzija jiġi kkunsidrat u fformulat mill-ġdid “*biex tiffoka aħjar fuq il-prioritajiet u l-ħtiġijiet tal-UE; biex tikseb il-kapaċċità ta’ rispond flessibbli; biex tiżviluppa ħiliet u kompetenzi; u biex tiżdied l-effiċċjenza operazzjonali u l-impatt ġeneralis tal-Aġenzija*” sabiex l-Aġenzija ssir ‘ass permanenti għal kull Stat Membru u għall-Unjoni Ewropea b’mod ġeneralis.”

Wara diskussjoni fil-Kunsill tat-Telecom tal-11 ta’ Ġunju 2009, fejn l-Istati Membri esprimew appoġġ għall-estensjoni tal-mandat tal-ENISA u għaż-żieda tar-riżorsi tagħha fid-

<sup>1</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 460/2004 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-10 ta’ Marzu 2004 li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Informazzjoni (ĠU L 077, 13.3.2004, p. 1)

<sup>2</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1007/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta’ Settembru 2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 460/2004 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-10 ta’ Marzu 2004 li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Informazzjoni fir-rigward tal-perjodu effettiv (ĠU L 293, 31.10.2008, p.1).

<sup>3</sup> Ir-rapport fil-qosor tar-riżultati tal-Konsultazzjoni Pubblika ‘Lejn Politika Msaħħa dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Informazzjoni fl-Ewropa’ jinsab meħmuż bħala Anness 11 għall-Valutazzjoni tal-Impatt ippreżentata flimkien ma’ din il-proposta.

<sup>4</sup> COM(2009) 149, 30.3.2009.

<sup>5</sup> Paper ta’ Diskussjoni: [http://www.tallinnciip.eu/doc/discussion\\_paper\\_-\\_tallinn\\_ciip\\_conference.pdf](http://www.tallinnciip.eu/doc/discussion_paper_-_tallinn_ciip_conference.pdf)  
Konklużjonijiet tal-Presidenza:

[http://www.tallinnciip.eu/doc/EU\\_Presidency\\_Conclusions\\_Tallinn\\_CIIP\\_Conference.pdf](http://www.tallinnciip.eu/doc/EU_Presidency_Conclusions_Tallinn_CIIP_Conference.pdf).

dawl tal-importanza tal-NIS u l-isfidi li qed jevolvu f'dan il-qasam, id-dibattitu ngħalaq taħt il-Presidenza Svediża tal-Unjoni. Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2009 dwar approċċ Ewropew kollaborattiv għas-Sigurta tan-Netwerks u l-Informazzjoni<sup>6</sup> tagħraf l-irwol u l-potenzjal tal-ENISA u l-ħtieġa li l-ENISA “*tiġi żviluppata ulterjorment f'korp aktar effiċjenti.*” Hija tagħmel enfasi wkoll fuq il-ħtieġa li l-Aġenzija tiġi mmodernizzata u msaħħa biex tappoġġa l-Kummissjoni u l-Istati Membri biex jagħlqu d-distakk bejn it-teknoloġija u l-politika, billi sservi bħala ċentru ta' għarfien espert tal-Unjoni fi kwistjonijiet tal-NIS.

## 2 KUNTEST ĠENERALI

It-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni (ICTs) saru s-sinsla tal-ekonomija u s-soċjetà Ewropea b'mod ġenerali. L-ICTs huma vulnerabbi għal theddidiet li m'għadhomx limitati fil-konfini nazzjonali u li nbidlu bl-iżviluppi fit-teknoloġija u s-swiegħ. Billi l-ICTs huma globali, interkonnessi u interdependent fuq infrastrutturi oħra, is-sigurta u r-reżiljenza tagħhom ma jistgħux ikunu assigurati b'approċċi purament nazzjonali u mhux koordinati. Fl-istess ħin, l-isfidi marbuta mal-NIS jevolvu malajr. In-netwerks u s-sistemi ta' informazzjoni għandhom jiġu protetti b'mod effikaċi kontra kull tip ta' interruzzjoni u ħsara, inklużi attakki minn persuni.

Il-politiki dwar is-Sigurta tan-Netwerks u l-Informazzjoni (NIS) għandhom rwol ċentrali fl-Aġenda Diġitali għall-Ewropa<sup>7</sup> (DAE), inizjattiva ewlenja taħt l-Istratēġija Ewropa 2020, biex jiġi sfruttat u miġjud 'il quddiem il-potenzjal tal-ICTs, u biex dan il-potenzjal jissarraf fi tkabbir sostenibbli u innovazzjoni. It-tħeġġiġ tal-użu tal-ICTs u t-tkabbir tal-fiduċja fis-soċjetà tal-informazzjoni huma prioritatiet ewlenin tad-DAE. Għal dan il-għan, ir-riforma tal-ENISA hija meħtieġa biex l-Unjoni, l-Istati Membri u l-partijiet interessati jkunu jistgħu jiżviluppaw livell għoli ta' kapaċità u tħejjija biex jipprevju u jidentifikaw il-problemi tal-NIS u jirrispondu aħjar għalihom.

## 3 RAĠUNIJIET GĦALL-AZZJONI

Flimkien ma' din il-proposta, il-Kummissjoni qed tipproponi Regolament dwar l-ENISA li jissostitwixxi r-Regolament (KE) Nru 460/2004; dan jirrevedi fil-fond id-dispożizzjonijiet li jiggvernaw l-Aġenzija u jistabbilixxi l-Aġenzija għal perjodu ta' ħames snin. Madankollu, il-Kummissjoni hija konxja li l-proċedura leġiżlattiva fil-Parlament Ewropew u fil-Kunsill għal dik il-proposta tista' tirrikjedi ħafna żmien għad-dibattitu, u hemm ir-riskju li jinħoloq vojt legali jekk il-mandat il-ġdid tal-Aġenzija ma jiġix adottat qabel l-iskadenza tal-mandat kurrenti.

Il-Kummissjoni għaldaqstant tipproponi li dan ir-Regolament jestendi l-mandat kurrenti tal-Aġenzija għal 18-il xahar biex jippermetti biżżejjed żmien għad-diskussjoni.

<sup>6</sup> Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2009 dwar approċċ Ewropew kollaborattiv għas-Sigurta tan-Netwerks u l-Informazzjoni (ĠU C 321, 29.12.2009, p.1).

<http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=OJ:C:2009:321:0001:0004:MT:PDF>.

<sup>7</sup> COM(2010) 245, 19.5.2010.

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 460/2004 li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Informazzjoni f'dak li jirrigwarda l-perjodu effettiv**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew,<sup>8</sup>

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni,<sup>9</sup>

Wara t-trażmissjoni tal-proposta lill-Parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

- (1) Fl-2004, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw ir-Regolament (KE) Nru 460/2004 li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Informazzjoni<sup>10</sup> (minn issa 'l quddiem “l-Aġenzija”).
- (2) Fl-2008, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw ir-Regolament (KE) Nru 1007/2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 460/2004 fir-rigward tal-perjodu effettiv tal-Aġenzija.<sup>11</sup>
- (3) Minn Novembru 2008, sar dibattitu pubbliku dwar id-direzzjoni ġenerali tal-isforzi Ewropej lejn aktar sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni, inkluża l-Aġenzija. Bi qbil mal-istrateġja tal-Kummissjoni għal Regolazzjoni Aħjar, u bħala kontribut għal dan id-dibattitu, il-Kummissjoni nidiet konsultazzjoni pubblika dwar l-objettivi għal

---

<sup>8</sup> ĠU C , , p..

<sup>9</sup> ĠU C , , p. .

<sup>10</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 460/2004 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Informazzjoni (ĠU L 77, 13.3.2004, p. 1.)

<sup>11</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1007/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Settembru 2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 460/2004 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Informazzjoni fir-rigward tal-perjodu effettiv (ĠU L 293, 31.10.2008, p.1).

politika msaħħha għas-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni fil-livell tal-Unjoni, li damet għaddejja minn Novembru 2008 sa Jannar 2009. F'Diċembru 2009, id-dibattit wassal għar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2009 dwar approċċ kollaborattiv għas-Sigurtà tan-Netwerks u l-Informazzjoni.<sup>12</sup>

- (4) Meta jitqiesu r-riżultati tad-dibattit pubbliku, huwa previst li r-Regolament (KE) Nru 460/2004 jiġi sostitwit.
- (5) Proċedura leġiżlattiva għar-riforma tal-ENISA tista' teħtieġ ħafna żmien estensiv għad-dibattit u billi l-mandat tal-Aġenzija jiskadi fit-13 ta' Marzu 2012, jeħtieġ li tiġi adottata estensjoni li tippermetti bieżżejjed diskussjoni fil-Parlament Ewropew u fil-Kunsill u li tiżgura l-konsistenza u l-kontinwità
- (6) Il-perjodu effettiv tal-Aġenzija għandu għalhekk jiġi estiż sat-13 ta' Settembru 2013,

#### ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

#### *Artikolu 1*

Ir-Regolament (KE) Nru 460/2004 jinbidel b'dan li ġej:

L-Artikolu 27 jinbidel b'dan li ġej:

“Artikolu 27 – Tul ta' Attività

L-Aġenzija għandha tiġi stabilita fl-14 ta' Marzu 2004 għal perjodu ta' disa' snin u sitt xħur.”

#### *Artikolu 2* *Dħul fis-seħħħ*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħħ l-għada tal-publikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jaapplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi [...], [....]

*Għall-Parlament Ewropew  
Il-President*

*Għall-Kunsill  
Il-President*

---

<sup>12</sup> Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2009 dwar approċċ Ewropew kollaborattiv għas-Sigurtà tan-Netwerks u l-Informazzjoni (ĠU C 321, 29.12.2009, p.1).

## **DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIΖLATTIVA GĦAL PROPOSTI**

### **1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA**

#### **1.1. Titlu tal-proposta/inizjattiva**

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 460/2004 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Informazzjoni.

#### **1.2. Il-qasam/l-oqsma ta' politika kkonċernati fl-istruttura tal-ABM/ABB<sup>13</sup>**

Is-soċjetà tal-informazzjoni u l-midja

Qafas regolatorju għall-Aġenda Diġitali

#### **1.3. Natura tal-proposta/inizjattiva**

- Il-proposta/inizjattiva hija marbuta ma' **azzjoni ġdida**
- Il-proposta/inizjattiva hija marbuta ma' **azzjoni ġdida segwita minn proġett pilota/azzjoni preparatorja**<sup>14</sup>
- Il-proposta/inizjattiva hija marbuta mal-estensjoni **tal-azzjoni eżistenti**
- Il-proposta/inizjattiva hija marbuta ma' **azzjoni diretta mill-ġdid lejn azzjoni ġdida**

#### **1.4. Objettivi**

##### **1.4.1 L-objettiv(i) strateġiku multiannwali tal-Kummissjoni huwa fil-mira tal-proposta/inizjattiva**

###### **It-titjib tar-reżiljenza fin-netwerks Ewropej tal-komunikazzjoni elettronika**

L-Aġenzija se tkompli taħdem fuq kwistjonijiet ta' reżistenza billi pereżempju tagħmel stħarriġ tal-obbligi ta' reżistenza, rekwiżiti u prattiki tajba li qed jintużaw<sup>15</sup>, kif ukoll analiżi ta' metodi u proċeduri ulterjuri biex tittejjeb ir-reżiljenza. Se jitwettqu proġetti sperimentalni addizzjonali biex tīgi vvalutata l-validità tar-rekwiżiti, il-metodi u l-prattiki. L-Aġenzija għandha tikkontribwixxi għat-titjib tas-sigurtà u r-reżiljenza tal-infrastrutturi kritiċi tal-komunikazzjoni tal-informazzjoni u għall-bini tal-PPP Pan-Ewropew dwar ir-Reżiljenza (EP3R) u l-Forum pan-Ewropew tal-Istati Membri (EFMS).

###### **L-iżvilupp u ż-żamma tal-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri**

<sup>13</sup>

ABM: Ġestjoni Bbażata fuq l-Attività – ABB: Baġit Ibbażat fuq l-Attività.

<sup>14</sup>

B'referenza għall-Artikolu 49(6)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju

<sup>15</sup>

Sħarriġ bħal dan jissejjes fuq dawk magħmula mill-ENISA fl-2006 u l-2007 dwar il-miżuri ta' sigurtà implementati mill-operaturi tal-komunikazzjoni elettroniċi

L-ENISA għandha tkompli tibni fuq l-isforzi tagħha biex tidentifika ċrieki ta' kompetenza fis-sigurtà madwar l-Ewropa fuq suġġetti bħat-trawwim tal-kuxjenza u r-rispons għall-inċidenti, il-kooperazzjoni dwar l-interoperabilità ta' eID pan-Ewropea<sup>16</sup> u ż-żamma ta' pjattaforma li tappoġġa l-qsim ta' prattiki tajba fl-NIS Ewropej<sup>17</sup>. Għandu jkun hemm aktar kooperazzjoni bejn l-Istati Membri bil-għan li jittejbu l-kapaċitajiet tal-Istati Membri kollha u jiżdiedu l-livelli globali ta' koerenza u interoperabilità.

### **L-identifikazzjoni ta' riskji emerġenti għall-ħolqien tal-affidabbiltà u l-fiduċja**

L-Aġenzija se tkompli taħdem biex jiġi stabbilit qafas li jippermetti lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet biex jifhmu aħjar u jivvalutaw ir-riskji emerġenti, li jinħolqu minn teknoloġiji u applikazzjonijiet ġdida, permezz ta' prattika ta' ġbir ta' dejta, ipproċessar, tixrid u rrappor tar-b'mod sistematiku.

### **Il-bini tal-fiduċja fl-informazzjoni mal-mikroimpriżi**

L-era tal-informazzjoni diġitali qed tkompli tiftaħ ħafna opportunitajiet għall-impriżi, speċjalment għall-mikroimpriżi. Madankollu, għadhom jeżistu dgħufijiet f'dak li jirrigwarda żvilupp ulterjuri u l-adozzjoni tal-ICT mill-utenti. L-għan huwa li jinġabru u jiġu vvalutati l-ħtiġijiet u l-aspettattivi tal-mikroimpriżi f'dan il-qasam. L-ENISA tkompli ssegwi dan il-għan permezz tat-trawwim u l-pilotagħ ta' mudelli ta' kooperazzjoni transkonfinali bejn multiplikaturi u assoċjazzjonijiet fil-qasam tal-bini tal-kapaċitajiet fl-NIS immirati għall-mikroimpriżi; it-tfassil ta' skemi ta' ċertifikazzjoni mmirati għall-mikroimpriżi u l-iżvilupp ta' oqfsa ta' konformità għal dawk li mhumiex esperti; il-ħolqien u l-pilotagħ ta' prattiki tajba għall-kontinwità kummerċjali; it-tfassil ta' kwistjonijiet ta' konformità li jippermettu lill-SMEs u lill-mikroimpriżi li jesprimu l-objettivi tas-sigurtà tagħhom u jifformulaw pjanijet biex jiksbuhom.

#### *1.4.2. Objettiv(i) speċifiku(speċifiċi) u l-attività(jiet) ABM/ABB ikkonċernata*

##### Objettiv speċifiku

Biex tiżdied is-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni (NIS), biex tīgħi żviluppata kultura ta' sigurtà tan-netwerk u l-informazzjoni għall-benefiċċju taċ-ċittadini, il-konsumaturi, l-impriżi u organizzazzjonijiet tas-settur pubbliku u biex jiġu identifikati sfidi ta' politika li jitqajmu minn netwerks futuri u l-Internet

##### Attività(jiet) ABM/ABB ikkonċernata

Il-politika dwar il-komunikazzjoni elettronika u s-Sigurtà tan-Netwerks

<sup>16</sup> Dan l-appoġġ għandu jkun ta' segwitu għax-xogħol tal-ENISA fl-2006 u l-2007 dwar lingwa komuni għat-titjib tal-interoperabilità tal-eID

<sup>17</sup> Din il-pjattaforma hija azzjoni ta' segwitu għax-xogħol li sar fl-2007 sabiex tīgħi ddefinita rottu għall-istabbiliment ta' sistema għall-qsim ta' prattiki tajba fl-NIS Ewropej.

#### 1.4.3. *Riżultat(i) mistenni(ja) u impatt*

Il-kisba ta' livell għoli tas-sigurta tan-netwerks u l-informazzjoni ġewwa l-Komunità u kultura ta' sigurta tan-netwerks u l-informazzjoni għall-benefiċċju taċ-ċittadini, il-konsumaturi, l-impriżi u l-organizzazzjonijiet tas-settur pubbliku fl-Unjoni Ewropea, u permezz ta' hekk tikkontribwixxi għall-funzjonament bla xiel tas-suq intern.

#### 1.4.4 *Indikaturi tar-riżultati u l-impatt*

Ara 1.4.1 hawn fuq

### 1.5. **Raġunijiet għall-proposta/inizjattiva:**

#### 1.5.1. *Rekwiżit(i) li għandhom jintlaħqu fil-perjodu ta' żmien qasir jew twil*

L-ENISA nħolqot inizjalment fl-2004 biex tieħu ħsieb it-theddidiet għall-NIS u l-ksur sussegamenti possibbli tagħha. Minn dak iż-żmien l-isfidi relatati mas-Sigurta tan-Netwerks u l-Informazzjoni evolvew mal-iżviluppi fit-teknoloġija u fis-swieq u kienu s-suġġett ta' aktar riflessjoni u dibattitu, biex illum għandna deskriżżjoni aġġornata u aktar dettaljata tal-problemi preċiżi identifikati u kif dawn huma milquta mix-xenarju dejjem jinbidel tal-NIS. B'mod partikolari, il-konklużjonijiet tal-Presidenza mill-Konferenza Ministerjali dwar is-CIIP f-Tallinn iddikjaraw li “l-isfidi l-ġodda u fit-tul jeħtieġu kunsiderazzjoni u riformulazzjoni fil-fond tal-mandat tal-Aġenzija (tal-ENISA) sabiex tingħata aktar attenzjoni lill-prioritajiet u l-ħtieġi tal-Unjoni; biex tinkiseb kapaċità ta' rispons aktar flessibbli; biex jiġu żviluppati l-hillet u l-kompetenzi Ewropej; u biex tingħata spinta lill-effiċjenza operazzjonali u l-impatt ġenerali tal-Aġenzija. B'dan il-mod, l-ENISA tista' possibbilment issir ass permanenti għal kull Stat Membru u għall-Unjoni Ewropea ingħali.”

Flimkien ma' din il-proposta, il-Kummissjoni qed tipproponi Regolament dwar l-ENISA li jissostitwixxi r-Regolament (KE) Nru 460/2004, li jipprevedi reviżjoni fil-fond tad-dispożizzjonijiet li jiggvernaw l-Aġenzija u jistabbilixxi l-Aġenzija għal perjodu effettiv ta' 5 snin. Madankollu, il-Kummissjoni hija konxja li l-proċedura leġiżlattiva fil-Parlament Ewropew u fil-Kunsill għal dik il-proposta tista' teħtieġ ħafna żmien għad-dibattitu, u hemm ir-riskju li jinħoloq vojt legali jekk il-mandat il-ġdid tal-Aġenzija ma jiġix adottat qabel l-iskadenza tal-mandat kurrenti.

Il-Kummissjoni għaldaqstant tipproponi li dan ir-Regolament jestendi l-mandat kurrenti tal-Aġenzija għal 18-il xahar biex jippermetti bizzżejjed żmien għad-diskussjoni.

#### 1.5.2. *Valur miżjud tal-involviment tal-UE*

Il-problemi tal-NIS mhumiex limitati mill-konfini nazzjonali u għaldaqstant ma jistgħux jiġu indirizzati b'mod effettiv fil-livell nazzjonali biss. Fl-istess ħin, hemm diversità kbira dwar kif l-awtoritajiet pubbliċi jiffaċċejaw il-problema fl-Istati Membri differenti. Dawn id-differenzi jistgħu jikkostitwixxi ostaklu ewljeni għall-implimentazzjoni ta' mekkaniżmi xierqa applikati madwar l-Unjoni kollha biex itejbu l-NIS fl-Ewropa. Minħabba n-natura interkonnettiva tal-infrastrutturi tal-ICT, l-effiċċja tal-miżuri meħuda fil-livell nazzjonali fi Stat Membru wieħed xorta tiġi affettwata bil-kbir minn livell aktar baxx ta' miżuri meħuda fi Stati Membri oħra u minn nuqqas ta' kooperazzjoni sistematika transkonfinali. Miżuri tal-NIS insuffiċċenti li

jirriżultaw f'inċident fi Stat Membru wieħed jistgħu jikkawżaw tfixkil fis-servizzi fi Stati Membri oħra.

Barra dan, il-multiplikazzjoni tar-rekwiżiti tas-sigurtà toħloq piż finanzjarju fuq l-impriżi li joperaw fil-livell tal-Unjoni Ewropea u twassal għal frammentazzjoni u nuqqas ta' kompetittività fis-suq intern Ewropew.

Filwaqt li d-dipendenza fuq in-netwerks u s-sistemi ta' informazzjoni qed tiżdied, jidher li t-tħejjija biex jiġu indirizzati l-inċidenti mhix biżżejjed.

Is-sistemi nazzjonali attwali ta' twissija bikrija u ġestjoni ta' inċidenti għandhom nuqqasijiet importanti. Il-proċessi u l-prattiki għall-monitoraġġ u r-rapportar ta' inċidenti tas-sigurtà tan-netwerks ivarjaw b'mod sinifikanti minn Stat Membru għall-ieħor. F'xi pajjiżi, il-proċessi mhumiex formalizzati, filwaqt li f'pajjiżi oħra, ma hemm l-ebda awtorità kompetenti li tirċievi u tipproċċa r-rapporti dwar l-inċidenti. Sistemi Ewropej ma jeżistux. Bħala riżultat ta' dan, il-provvista ta' bżonnijiet bażiċi tista' tīġi mfixkla fundamentalment minn inċidenti tal-NIS, u għandhom jitħejjew risponsi xierqa. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-CIIP enfasizzat ukoll fuq il-ħtieġa ta' kapaċitā Ewropea għal twissija bikrija u għal rispons kontra l-inċidenti, potenzjalment appoġġata permezz ta' eżerċizzji fuq skala Ewropea.

Hemm ħtieġa ċara għal strumenti ta' politika li jimmiraw biex jidentifikaw b'mod proaktiv ir-riskji u l-vulnerabbiltajiet tal-NIS, billi jistabbilixxu mekkaniżmi xierqa ta' rispons (pereż permezz tal-identifikazzjoni u t-tixrid ta' prattiki tajba), u li jiżguraw li dawn il-mekkaniżmi ta' rispons ikunu magħrufa u applikati mill-partijiet interessati.

#### 1.5.3. *Tagħlimiet meħħuda minn esperjenzi simili fil-passat*

Skont l-Artikolu 25 tar-Regolament tal-ENISA, fl-2006/2007 kienet saret evalwazzjoni tal-ENISA minn panil estern ta' esperti, biex tipprovdi valutazzjoni formattiva tal-prattiki ta' ħidma tal-Assoċċjazzjoni, tal-organizzazzjoni u tal-mandat tagħha u jekk ikun xieraq, isiru rakkmandazzjonijiet għat-titjib. Ta' min jinnota li din l-evalwazzjoni saret sena biss wara li l-ENISA saret operazzjonali. Ir-rapport tal-evalwazzjoni<sup>18</sup> kkonferma l-validità tar-raqunijiet oriġinali ta' politika li wasslu għall-ħolqien tal-ENISA, u qajjem kwistjonijiet li kellhom jiġu ttrattati dwar il-viżibbiltà tal-Assoċċjazzjoni u l-kapaċita tagħha li tikseb livell għoli ta' impatti. Dawn il-kwistjonijiet kienu jinkludu l-istruttura organizzazzjonali; it-tħalliha tal-ħiliet u d-daqqs tal-persunal operazzjonali tal-Assoċċjazzjoni u l-isfidi organizzattivi minħabba l-post remot tagħha.

Ara wkoll 1.5.1 hawn fuq

#### 1.5.4. *Koerenza u sinerġija possibbli ma' strumenti rilevanti oħrajn*

Il-futur tal-ENISA kien jifforna parti mid-dibattitu ġenerali dwar l-NIS u inizjattivi ta' politika oħra li jiffukaw fuq il-ġejjeni tal-NIS.

<sup>18</sup>

Ara [http://ec.europa.eu/dgs/information\\_society/evaluation/studies/s2006\\_enisa/docs/final\\_report.pdf](http://ec.europa.eu/dgs/information_society/evaluation/studies/s2006_enisa/docs/final_report.pdf)

## 1.6. Tul ta' żmien u impatt finanzjarju

Proposta/inizjattiva ta' **tul ta' żmien limitat**

- Proposta/inizjattiva fis-seħħ mill-14/03/2012 sat-13/09/2013
- Impatt finanzjarju mill-2012 sal-2013

Proposta/inizjattiva ta' **tul ta' żmien indefinit**

- Implementazzjoni b'perjodu inizjali mill-SSSS sal-SSSS,
- segwita b'operazzjoni sħiħa

## 1.7. Metodu(metodi) previst(i) għall-ġestjoni<sup>19</sup>

**Ġestjoni diretta ċentralizzata** mill-Kummissjoni

**Ġestjoni indiretta ċentralizzata** b'delegazzjoni tal-kompli ta' implementazzjoni lil:

- aġenziji eżekuttivi
- korpi mwaqqfa mill-Komunitajiet<sup>20</sup>
- entitajiet mis-settur pubbliku nazzjonali/entitajiet b'missjoni ta' servizz pubbliku
- persuni bir-responsabbiltà għall-implementazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi skont it-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u identifikati fl-att bażiku rilevanti fit-tifsira tal-Artikolu 49 tar-Regolament Finanzjarju

**Ġestjoni maqsuma** mal-Istati Membri

**Ġestjoni deċentralizzata** ma' pajjiżi terzi

**Ġestjoni konġunta** ma' organizzazzjonijiet internazzjonali (*għad iridu jiġu speċifikati*)

<sup>19</sup> Dettalji dwar il-metodi tal-ġestjoni u referenzi għar-Regolament Finanzjarju jinsabu fuq is-sit ta' BudgWeb: [http://www.cc.cec/budg/man/budgmanag/budgmanag\\_en.html](http://www.cc.cec/budg/man/budgmanag/budgmanag_en.html)

<sup>20</sup> Kif ipprovdut fl-Artikolu 185 tar-Regolament Finanzjarju.

## 2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

### 2.1. Regoli għall-monitoraġġ u r-rapportar

Id-Direttur Eżekuttiv huwa responsabbi għall-monitoraġġ effettiv u l-evalwazzjoni tar-rendiment tal-Aġenzija mqabbel mal-għanijiet tagħha, u jirrapporta kull sena lill-Bord tat-Tmexxija.

Id-Direttur Eżekuttiv ifassal rapport ġenerali li jkopri l-attivitàajiet kollha tal-Aġenzija fis-sena ta' qabel li, b'mod partikolari jqabbel ir-riżultati miksuba mal-għanijiet tal-programm ta' ħidma annwali. Wara l-adozzjoni mill-Bord tat-Tmexxija, dan ir-rapport jintbagħat lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Qorti tal-Audituri, lill-Kunitat Ekonomiku u Soċċali Ewropew u lill-Kunitat tar-Reġjuni, u jiġi ppubblikat.

### 2.2. Sistema ta' ġestjoni u kontroll

#### 2.2.1. Riskju(riskji) identifikat(i)

Minn meta l-ENISA twaqqfet fl-2004, hija kienet soġġetta għal evalwazzjonijiet esterni u interni.

Skont l-Artikolu 25 tar-Regolament tal-ENISA, l-ewwel pass f'dan il-proċess kien l-evalwazzjoni indipendenti tal-ENISA minn panil ta' esperti esterni fl-2006/2007. Ir-rapport mill-panil ta' esperti esterni<sup>21</sup> kkonferma li r-raġunijiet oriġinali ta' politika għall-istabbiliment tal-ENISA u l-għanijiet oriġinali tagħha għadhom validi u kienet ukoll strumentali biex jitqajmu xi wħud mill-kwistjonijiet li jeħtieġ li jiġu indirizzati.

F'Marzu 2007 l-Kummissjoni rrappurtat dwar l-evalwazzjoni lill-Bord tat-Tmexxija, li mbagħad għamel ir-rakkmandazzjonijiet tiegħu stess dwar il-ġejjeni tal-Aġenzija u dwar l-emendi għar-Regolament tal-ENISA.<sup>22</sup>

F'Ġunju 2007 l-Kummissjoni ssottommett l-evalwazzjoni tagħha stess dwar ir-riżultati tal-evalwazzjoni esterna u dwar ir-rakkmandazzjonijiet tal-Bord tat-Tmexxija f'Komunikazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.<sup>23</sup> Il-Komunikazzjoni spjegat li kellha ssir għażla bejn jekk il-mandat tal-Aġenzija jiġix estiż jew jekk l-Aġenzija kelhiex tiġi sostitwita b'mekkaniżmu ieħor, bħal forum permanenti ta' partijiet interessati jew netwerk ta' organizzazzjonijiet tas-sigurtà. Il-Komunikazzjoni fetħet ukoll konsultazzjoni pubblika dwar dan is-suġġett, li fiha talbet lill-partijiet interessati Ewropej jesprimu l-fehmiet tagħhom permezz ta' lista ta' mistoqsijiet bħala gwida għal aktar diskussionijiet.<sup>24</sup>

<sup>21</sup>

[http://ec.europa.eu/dgs/information\\_society/evaluation/studies/index\\_en.htm](http://ec.europa.eu/dgs/information_society/evaluation/studies/index_en.htm)

<sup>22</sup>

Kif ipprovdut fl-Artikolu 25 tar-Regolament ENISA. It-test sħiħ tad-dokument adottat mill-Bord tat-Tmexxija tal-ENISA, li fiha ukoll il-kunsiderazzjonijiet tal-Bord, huwa disponibbli fl-indirizz li ġej: [http://enisa.europa.eu/pages/03\\_02.htm](http://enisa.europa.eu/pages/03_02.htm).

<sup>23</sup>

Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-evalwazzjoni ta'l-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Informazzjoni (ENISA) COM(2007) 285 finali, 1.6.2007: <http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=CELEX:52007DC0285:EN:NOT>.

<sup>24</sup>

<http://ec.europa.eu/yourvoice/ipm/forms/dispatch?form=EnisaFuture&lang=en>

Fl-2009, il-Kummissjoni nidiet valutazzjoni tal-impatt biex teżamina l-għażliet possibbli għall-ġejjeni tal-ENISA. Din il-valutazzjoni tal-impatt hija mehużha mal-proposta għal Regolament dwar l-ENISA li għandu jissostitwixxi r-Regolament (KE) Nru 460/2004.

## 2.2.2. *Metodu(metodi) previst(i) ta' kontroll*

Ara 2.2.1

## 2.3. **Miżuri kontra l-frodi u irregolaritajiet**

Il-ħlasijiet għal kwalunkwe servizz jew studji mitluba jiġu vverifikati mill-istaff tal-Aġenzija qabel isiru, u jiġu meqjusa bis-sħiħ l-obbligi kuntrattwali, il-prinċipji ekonomiċi u l-prattika finanzjarja u ta' ġestjoni tajba. Dispożizzjonijiet kontra l-frodi (superviżjoni, rekwiżiti ta' rappurtar, eċċ.) għandhom ikunu inklużi f'kull ftehim u kuntratt konkluż bejn l-Aġenzija u l-benefiċjarji ta' kwalunkwe ħlas

### 3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

#### 3.1. Intestatura(intestaturi) tal-qafas finanzjarju multiannwali u l-linja(il-linji) tan-nefqa tal-baġit affettwata(affettwati)

- Linji eżistenti tal-baġit tan-nefqa

Intestatura tal-qafas finanzjarju multiannwali	Linja tal-baġit Numru / Deskrizzjoni	Tip ta' nefqa AD/AMD <sup>(25)</sup>	Kontribuzzjoni			
			minn pajjiżi tal-EFTA <sup>(26)</sup>	minn pajjiżi kandidati <sup>(27)</sup>	minn pajjiżi terzi	fl-ambitu tal-Artikolu 18(1)(aa) tar-Regolament Finanzjarju
1.a Kompetittivitāt għat-tkabbir u l-impjieg	09 02 03 01 L-Āgenzija Ewropea għas-Sigurtà tan-Nerwerks u l-Informazzjoni – Sussidju fil-kuntest tat-Titolu 1 u 2	AD	IVA	LE	LE	LE
	09 02 03 02 L-Āgenzija Ewropea għas-Sigurtà tan-Nerwerks u l-Informazzjoni – Sussidju fil-kuntest tat-Titolu 3	AD	IVA	LE	LE	LE
5 Nefqa amministrattiva	09 01 01 Nefqa relatata mal-personal f'impieg attiv fil-qasam tal-politika tas-soċjetà tal-informazzjoni u l-midja	AMD	LE	LE	LE	LE
	09 01 02 11 Nefqiet oħra relatati ma' ġestjoni	AMD	LE	LE	LE	LE

<sup>25</sup>

AD = Appoprjazzjonijiet Differenzjati / AMD – Approporjazzjonijiet Mhux Differenzjati

<sup>26</sup>

EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.

<sup>27</sup>

Pajjiżi kandidati u, fejn applikabbli, pajjiżi kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

### 3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

#### 3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa

EUR miljuni (sa 3 punti deċimali)

Intestatura tal-qafas finanzjarju multiannwali:	1.a	Kompetittività għat-tkabbir u l-impjiegi
---	-----	--

ENISA			14 Mar-31 Diċ-2012	1 Jan-13 Set 2013	TOTAL
Appropriazzjonijiet operazzjonali					
09 02 03 02 L-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà tan-Netwerks u l-Informazzjoni – Sussidju fil-kuntest tat-Titolu 3	Impenji	(1)	2.073	1.734	<b>3.807</b>
	Ħlasijiet	(2)	2.073	1.734	<b>3.807</b>
Appropriazzjonijiet amministrattivi					
09 02 03 01 L-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà tan-Netwerks u l-Informazzjoni – Sussidju fil-kuntest tat-Titoli 1 u 2		(3)	4.600	4.291	<b>8.891</b>
<b>TOTAL tal-appropriazzjonijiet taħt l-Intestatura 1a</b>	Impenji	=1+3	6.673	6.025	<b>12.698</b>
	Ħlasijiet	=2+3	6.673	6.025	<b>12.698</b>

• TOTAL ta' appropriazzjonijiet operazzjonali	Impenji	(4)	2.073	1.734	<b>3.807</b>
	Ħlasijiet	(5)	2.073	1.734	<b>3.807</b>
• TOTAL ta' appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-envelop ta' programmi speċifiċi		(6)	4.600	4.291	<b>8.891</b>

<b>TOTAL ta' approprjazzjonijiet taħt l-INTESTATURA 1.a</b> <b>Kompetittivit� għat-tkabbir u l- impjegi</b> tal-qafas finanzjarju multiannwali	Impenji	=4+ 6	6.673	6.025	<b>12.698</b>
	Ħlasijiet	=5+ 6	6.673	6.025	<b>12.698</b>

EUR miljuni (sa 3 punti deċimali)

<b>Intestatura tal-qafas finanzjarju multiannwali:</b>	5	Nefqa amministrattiva
--	---	-----------------------

	14 Mar-31 Diċ 2012	1 Jan-13 Set 2013	Total	
Riżorsi umani	0.342	0.299	<b>0.641</b>	
Nefqa amministrattiva oħra	0.008	0.007	<b>0.015</b>	
<b>TOTAL DĠ INFSO</b>	<b>Appropriazzjonijiet</b>	<b>0.350</b>	<b>0.306</b>	<b>0.656</b>

<b>TOTAL ta' appropriazzjonijiet taħt l-</b> <b>INTESTATURA 5 tal- qafas finanzjarju multiannwali</b>	(Impenji totali – ħlasijiet totali)	0.350	0.306	<b>0.656</b>
--	--	-------	-------	--------------

		14 Mar-31 Diè 2012	1 Jan-13 Set 2013	Total
<b>TOTAL ta' appoprjazzjonijiet taħt l-INTESTATURA 1 sa 5 tal-qafas finanzjarju multiannwali</b>	Impenji	7.023	6.331	<b>13.354</b>
	Ħlas	7.023	6.331	<b>13.354</b>

### 3.2.2. *Impatt stmat fuq l-approrjazzjonijiet operazzjonali*

- Il-proposta/inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' appoprjazzjonijiet operazzjonali
- Il-proposta/inizjattiva teħtieġ l-użu ta' appoprjazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt:

Appoprjazzjonijiet ta' impenji f'miljuni ta' EUR (sa 3 punti deċimali)

Indika l-objettivi u r-riżultati	14 ta' Marzu - 31 ta' Diċembru 2012	1 ta' Jannar - 13 ta' Settembru 2013	<b>TOTAL</b>
↓			
It-titjib tar-reżiljenza tan-netwerks Ewropej tal-komunikazzjoni elettronika	0.237	0.198	<b>0.435</b>
L-iżvilupp u ż-żamma tal-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri	0.237	0.198	<b>0.435</b>
L-identifikazzjoni ta' riskji emerġenti għall-ħolqien tal-affidabbiltà u l-fiduċja	0.169	0.141	<b>0.310</b>
Il-bini tal-kunfidenza fl-informazzjoni mal-mikroimpriżi	0.087	0.072	<b>0.159</b>
Il-ġestjoni ta' attivitajiet orizzontali	1.344	1.124	<b>2.468</b>

SPIŻA TOTALI	2.073	1.734	<b>3.807</b>
--------------	-------	-------	--------------

3.2.3. *Impatt stmat fuq appoprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva*<sup>28</sup>

3.2.3.1. Sommarju

- Il-proposta/inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' appoprjazzjonijiet amministrattivi
- Il-proposta/inizjattiva teħtieġ l-użu ta' appoprjazzjonijiet amministrattivi, kif spjegat hawn taħt:

a) Nefqa amministrattiva taħt l-Intestatura 5 tal-qafas finanzjarju multiannwali

EUR miljuni (sa 3 punti deċimali)

INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju multiannwali	14 Mar-31 Diċ 2012	1 Jan-13 Set 2013	TOTAL
--	-----------------------	----------------------	-------

Riżorsi umani	0.342	0.299	<b>0.641</b>
Nefqa amministrattiva oħra	0.008	0.007	<b>0.015</b>

<b>TOTAL</b>	0.350	0.306	<b>0.656</b>
--------------	-------	-------	--------------

b) Nefqa amministrattiva relatata mal-ENISA – koperta taħt il-linjal tal-Baġit “09.020301 Sigurtà Ewropea tan-Netwerks u l-Informazzjoni: Titolu 1 – Staff u Titolu 2 – Funzjonament tal-Aġenzija”.

EUR miljuni (sa 3 punti deċimali)

	14 Mar-31 Diċ 2012	1 Jan-13 Set 2013	TOTAL
--	-----------------------	----------------------	-------

Riżorsi umani - Titolu 1 – Staff	4.216	3.916	<b>8.132</b>
Nefqa oħra ta' natura amministrattiva – Titolu 2 – Funzjonament tal- Aġenzja	0.384	0.375	<b>0.759</b>

<b>TOTAL</b>	<b>4.600</b>	<b>4.291</b>	<b>8.891</b>
--------------	--------------	--------------	--------------

<sup>28</sup>

L-Anness għar-Rendikont Finanzjarju Leġiżlattiv ma ġiex komplut billi mhuwiex applikabbli għall-proposta kurrenti

### 3.2.3.2. Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani

- Il-proposta/inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' riżorsi umani
- Il-proposta/inizjattiva teħtieġ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

#### a) Riżorsi umani fi ħdan il-Kummissjoni

	14 Mar-31 Diċ 2012	1 Jan-13 Set 2013
<b>Pożizzjonijiet għall-pjan tal-istabbiliment (uffiċjali u aġenti temporanji) (f'Ekwivalenti għal Full-Time FTE)</b>		
XX 01 01 01 (Kwartieri Ġenerali u Uffiċċejji ta' Rappreżentanza tal-Kummissjoni)	3.5	3.5
<b>TOTAL</b>	<b>3.5</b>	<b>3.5</b>

#### b) Riżorsi umani tal-ENISA

	14 Mar-31 Diċ 2012	1 Jan-13 Set 2013
<b>Pjan tal-istabbiliment tal-ENISA (f'Ekwivalenti għal Full-Time FTE)</b>		
Uffiċjali jew persunal temporanju	<b>AD</b>	29
	<b>AST</b>	15
<b>TOTAL ta' uffiċjali jew persunal temporanju</b>	<b>44</b>	<b>44</b>
<b>Persunal ieħor (f'FTE)</b>		
Aġenti b'kuntratt	<b>13</b>	<b>13</b>
Esperti nazzjonali sekondati(SNE)	<b>5</b>	<b>5</b>
<b>TOTAL ta' persunal ieħor</b>	<b>18</b>	<b>18</b>
<b>TOTAL</b>	<b>62</b>	<b>62</b>

Deskrizzjoni tal-kompliti li jridu jitwettqu mill-istaff tal-Aġenzija:

Ufficijali u aġenti temporanji	<p>L-Aġenzija se tkompli:</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>– twettaq funzionijiet ta' konsulenza u ta' koordinazzjoni, meta <b>tiġbor u tanalizza d-dejta</b> dwar is-sigurtà tal-informazzjoni. Illum, kemm l-organizzazzjonijiet pubbliċi u kemm dawk privati b'għanijiet differenti jiġbru dejta dwar inċidenti tal-IT u dejta oħra rilevanti għas-sigurtà tal-informazzjoni. Madankollu, m'hemm l-ebda entità ċentrali fil-livell Ewropew li, b'mod komprensiv, tista' tiġbor u tanalizza d-dejta u tipprovi opinjonijiet u pariri biex tappoġġa x-xogħol ta' politika tal-Unjoni dwar is-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni;</li> <li>– <b>isservi bħala ċentru ta' għarfien espert</b> li għalihi jistgħu jirrikorru kemm l-Istati Membri kif ukoll l-istituzzjonijiet Ewropej għal <b>opinjonijiet u pariri dwar kwistjonijiet tekniċi marbuta mas-sigurtà;</b></li> <li>– tikkontribwixxi għal <b>kooperazzjoni wiesħha bejn atturi differenti</b> fil-qasam tas-sigurtà tal-informazzjoni, pereżempju tagħti għajnejn fl-aktivitajiet ta' segwitu b'appoġġ għal kummerċ elettroniku sigur. Kooperazzjoni bħal din tkun prerekwiżit vitali għall-funzjonament sigur tan-netwerks u s-sistemi tal-informazzjoni fl-Ewropa. Il-parteċipazzjoni u l-involviment tal-partijiet interessati kollha hija meħtieġa;</li> <li>– tikkontribwixxi għal approċċ koordinat lejn is-sigurtà tal-informazzjoni permezz ta' <b>appoġġ lill-Istati Membri</b>, pereżempju dwar <b>il-promozzjoni tal-valutazzjoni tar-riskji</b> u l-aktivitajiet ta' trawwim ta' kuxjenza;</li> <li>– tiżgura <b>l-interoperabilità tan-netwerks u s-sistemi tal-informazzjoni</b> meta l-Istati Membri <b>japplikaw</b> rekwiżiti tekniċi li jafti fuq is-sigurtà;</li> <li>– tidentifika l-ħtiġijiet ta' <b>standardizzazzjoni rilevanti</b> u tivvaluta l-standards tas-sigurtà eżistenti u l-iskemi taċ-ċertifikazzjoni, u tippromwovi użu l-aktar estensiv tagħhom b'appoġġ għal-leġiżlazzjoni Ewropea;</li> <li>– tappoġġa <b>l-kooperazzjoni internazzjonali</b> f'dan il-qasam, li qed issir dejjem aktar meħtieġa billi l-kwistjonijiet ta' sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni huma globali.</li> </ul>
Personal estern	<ul style="list-style-type: none"> <li>– Ara hawn fuq</li> </ul>

### *3.2.4. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju multiannwali kurrenti*

- Il-proposta/inizjattiva hija kompatibbli mal-qafas finanzjarju multiannwali kurrenti.
- Il-proposta/inizjattiva se tinvolvi l-iprogrammar mill-ġdid tal-intestatura rilevanti fil-qafas finanzjarju multiannwali.
- Il-proposta/inizjattiva teħtieġ l-applikazzjoni tal-strument tal-flessibbiltà jew reviżjoni tal-qafas finanzjarju multiannwali<sup>29</sup>.

### *3.2.5. Kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi*

- Il-proposta/inizjattiva ma tagħmilx provvediment għal kofinanzjament minn partijiet terzi
- Il-proposta/inizjattiva tagħmel provvediment għall-kofinanzjament kif stmat hawn taħt (applikabbi għal-linji 09.020301 u 09.020302):

Approprazzjonijiet indikattivi f'miljuni ta' EUR (sa 3 punti deċimali)

	14 Mar-31 Diċ 2012	1 Jan-13 Set 2013	Total
EFTA	0.160	0.145	0.305

## **3.3. Impatt stmat fuq id-dħul**

- Il-proposta/inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.
- Il-proposta/inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:
  - fuq ir-riżorsi propri
  - fuq dħul mixxellanju

<sup>29</sup>

Ara l-punti 19 u 24 tal-Ftehim Interistituzzjonal.